**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**
**(Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud - Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta)**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 167/13VG**

**Bryden Azzopardi**

**Vs**

**Id-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud)**

**Illum 3 ta' Lulju 2020**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ippreżentat minn Bryden Azzopardi fil-5 ta' Novembru 2013 permezz ta' liema jitlob li l-istimi maħruġa fil-konfront tiegħu mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) għall-perijodi ta' taxxa 01.03.10-31.05.10, 01.06.10-31.08.10, 01.09.10-30.11.10 u 01.12.10-28.02.11 jiġu kkanċellati in kwantu invalidu u/jew żbaljati;

Ra l-istimi maħruġa mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) fil-konfront tar-Rikorrent għall-perijodi ta' taxxa 01.03.10-31.05.10, 01.06.10-31.08.10, 01.09.10-30.11.10 u 01.12.10-28.02.11 a fol. 3 sa' 6 tal-proċess;

Ra r-Risposta tad-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) permezz ta' liema jopponi għall-appell tar-Rikorrent mill-istimi maħurġa fil-konfront tiegħu għall-perijodi ta' taxxa 01.03.10-31.05.10, 01.06.10-31.08.10, 01.09.10-30.11.10 u 01.12.10-28.02.11 u jitlob li l-istess jiġi miċħud, bl-ispejjeż fil-konfront tar-Rikorrent, u minflok l-imsemmija stimi jiġu kkonfermati stante li: (i) l-appell tar-Rikorrent huwa irritu u null in kwantu tardiv; (ii) fil-każ in eżami għandhom japplikaw il-provvedimenti ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta; (iii) ma huwiex minnu li l-istimi maħurġa fil-konfront tar-Rikorrent huma nulli in kwantu mhux konformi ma' dak provdut fl-Artikolu 32(3) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta; (iv) il-kwistjoni sollevata mir-Rikorrent bit-tieni aggravju tiegħu ormai ġiet sorvolata; u (v) ma huwiex minnu li l-istimi huma bbażati fuq assunzjonijiet żbaljati stante li kien ir-Rikorrent stess li naqas, meta mitlub, milli jissosstanzja l-kreditu għal *input tax* minnu reklamat fid-dikjarazzjonijiet tat-taxxa tiegħu għall-perijodi ta' taxxa mertu tal-kontestazzjoni;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tad-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) markati Dok. "A" sa' Dok. "L1" a fol. 13 sa' 30 tal-proċess;

Ra li waqt is-seduta tas-16 ta' Jannar 2014[1], il-partijiet kontendenti qablu li in vista ta' l-aggravji preliminari tar-Rikorrent u ta' l-eċċezzjoni tat-tardività ta' l-appell sollevata mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud), it-Tribunal jittratta u jiddeċiedi dawn l-aspetti qabel ma jittratta l-appell fil-mertu;

Ra li b'Digriet mogħti fl-24 ta' Frar 2014[2] it-Tribunal awtorizza korrezzjoni fir-Risposta tad-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) fis-sens illi fil-paragrafu 2 tar-Risposta, id-data tas-16 ta' Jannar 2013 għandha taqra 19 ta' Diċembru 2012, id-data tas-16 ta' Frar 2013 għandha taqra 13 ta' Frar 2013 u d-data tas-17 ta' Frar 2013 għandha taqra 4 ta' Marzu 2013 u fis-sens illi fil-paragrafu 11 tar-Risposta, ir-referenza għal Dok. "L" għandha tkun għal Dok. "K1";

Sema' x-xhieda ta' Ramon Francalanza[3], Chris Spiteri[4] u Marvic Grech[5], kollha rappreżentanti tad-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud), mogħtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Frar 2014;

Ra li waqt is-seduta tal-5 ta' Mejju 2014[6], id-difensur tar-Rikorrent iddikjara li l-istess Rikorrent ma għandux provi x'jressaq fir-rigward ta' l-eċċezzjonijiet preliminari;

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent a fol. 52 sa' 55 tal-proċess u ra n-Nota Responsiva tal-Kummissarju tat-Taxxi a fol. 56 sa' 60 tal-proċess;

Ra l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkonsidra:**

Bil-proċeduri odjerni r-Rikorrent jikkontesta erba' stimi datati 11 ta' Settembru 2013 maħruġa fil-konfront tiegħu mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) għall-perijodi ta' taxxa 01.03.10-31.05.10, 01.06.10-31.08.10, 01.09.10-30.11.10 u 01.12.10-28.02.11[7] permezz ta' liema qed jiġi mitlub iħallas is-somma ta' €12,768.06 rappreżentanti taxxa, flimkien mas-somma ulterjuri ta' €2,553.62 rappreżentanti penali amministrattivi u s-somma ta' €147.08 rappreżentanti imgħaxijiet, komplessivament ammontanti għal **€15,468.76**. Huwa jitlob li l-imsemmija stimi jiġu ikkanċellati in bażi għas-segwenti aggravji: (i) l-istimi huma invalidi fid-dritt u b'hekk nulli stante li nħarġu in vjolazzjoni ta' l-Artikolu 32(3) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) l-istimi huma invalidi u b'hekk nulli peress li hemm erba' stimi oħra fil-konfront tiegħu datati 10 ta' Mejju 2013 li huma għall-istess perijodi ta' taxxa u għall-istess ammont u li kontrihom hemm appell pendenti; u (iii) fil-mertu, l-istimi huma bbażati fuq assunzjonijiet żbaljati, fosthom iżda mhux esklussivament, li l-ispejjeż reklamati minnu fid-denunzji ta' taxxa tiegħu fil-fatt ma sarux, li d-dokumentazzjoni ma hijiex valida u li l-ispejjeż reklamati ma humiex konformi ma' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta.

Id-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud), illum il-Kummissarju tat-Taxxi, jopponi għall-appell tar-Rikorrent mill-istimi datati 11 ta' Settembru 2013 maħruġa fil-konfront għall-perijodi ta' taxxa 01.03.10-31.05.10, 01.06.10-31.08.10, 01.09.10-30.11.10 u 01.12.10-28.02.11 u jitlob li l-istess jiġi miċħud u minflok l-imsemmija istimi jiġu kkonfermati stante

[1] Fol. 41 tal-proċess.
[2] Fol. 42 tal-proċess.
[3] Fol. 44 u 45 tal-proċess.
[4] Fol. 46 tal-proċess.
[5] Fol. 47 u 48 tal-proċess.
[6] Fol. 49 tal-proċess.
[7] Fol. 3 sa' 6 tal-proċess.

li: (i) l-appell tar-Rikorrent huwa rritu u null in kwantu tardiv; (ii) fil-każ in eżami għandhom japplikaw il-provvedimenti ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta; (iii) ma huwiex minnu li l-istimi huma nulli in kwantu mhux konformi ma' dak provdut fl-Artikolu 32(3) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta; (iv) il-kwistjoni sollevata mir-Rikorrent bit-tieni aggravju tiegħu ormai ġiet sorvolata; u (v) ma huwiex minnu li l-istimi huma bbażati fuq assunzjonijiet żbaljati stante li kien ir-Rikorrent stess li naqas, meta mitlub, milli jissosstanzja l-kreditu għal *input tax* minnu pretiż fid-dikjarazzjonijiet tat-taxxa tiegħu għall-perijodi ta' taxxa mertu tal-kontestazzjoni.

Fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2014[8], il-partijiet kontendenti qablu li in vista ta' l-aggravji preliminari tar-Rikorrent u l-eċċezzjoni tat-tardività ta' l-appell sollevata mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud), it-Tribunal għandu jittratta u jiddeċiedi dawn il-punti partikolari qabel ma jittratta l-appell fil-mertu. Għaldaqstant huma dawn il-kwistjonijiet li qed jiġu trattati b'din is-sentenza.

Fil-fehma tat-Tribunal l-ewwel kwistjoni li għandha tiġi trattata u determinata qabel ma jista' kkunsidrat jekk l-istimi maħruġa fil-konfront tar-Rikorrent humiex validi ai termini tal-Liġi o meno, hija l-validità ta' l-appell *per se* u cioè jekk l-appell tar-Rikorrent ġiex ippreżentat entro t-terminu statutorju u perentorju prefiss fil-Liġi. Huwa biss fil-każ ta' appell validu li t-Tribunal ikun jista' jgħaddi biex jittratta u jiddetermina l-aggravji perliminari tar-Rikorrent.

A tenur tal-Partita 2(1)(ċ) tad-Disa' Skeda tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, appell quddiem dan it-Tribunal minn *taxpayer* minn stimi maħruġa fil-konfront tiegħu għandu jsir fi żmien tletin ġuranta mid-data tan-notifika ta' dawk l-istess stimi. A tenur ta' l-Artikolu 73(2) u (3) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, kif applikabbli fiż-żmien meta ġie intavolat l-appell odjern, *kull avviż li huwa meħtieġ li jingħata mill-Kummissarju jew minn xi persuna oħra taħt dan l-Att jista' jiġi notifikat lill-persuna sew personalment sew billi jintbagħat bil-posta. Kemm-il darba ma tinġiebx prova kuntrarja, notifika ta' avviż mibgħut bil-posta tkun ippruvata permezz ta' evidenza li dak l-avviż kien ġie indirizzat u impostat sew u għandu jitqies li jkun ġie notifikat, fil-każ ta' indirizz f'Malta mhux iktar tard mit-tielet jum li jiġi wara l-jum meta dan ikun ġie impostat, u fil-każ ta' indirizz barra minn Malta fil-jum li jiġi wara dak il-jum meta l-avviż kien jiġi riċevut fil-kors ordinarju tal-posta: iżda cheque jew ċedola impostati mill-Kummissarju għandu jitqies li jkun ħlas ta' dak l-ammont magħmul fid-data meta jkun ġie impostat. (3) Għall-għanijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, avviż jitqies li jkun ġie indirizzat sew jekk dan ikun ġie indirizzat fin-negozju jew fl-indirizz privat ta' persuna, u indirizz mogħti minn persuna lill-Kummissarju għandu jitqies bħala l-indirizz ta' dik il-persuna kemm-il darba u sakemm ma jingħatax avviż ta' bdil ta' indirizz minn dik il-persuna lill-Kummissarju.*

Kif già diversi drabi oħra osservat f'sentenzi pronunċjati mill-Qorti ta' l-Appell u anke minn dan it-Tribunal *huwa deżumibbli minn qari attent ta' din id-disposizzjoni* (ossia l-Artikolu 73(2) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta) *illi l-mira ġenerali intiża li tintlaħaq hi dik li l-avviż jiġi notifikat lill-persuna, fiżika jew legali, li lilha għandu jkun notifikat. Isegwi minn dan illi l-liġi qed tippresupponi illi l-proċediment tan-notifika jirrealizza ruħu bil-konsenja ta' l-att ta' l-avviż. Biex jintlaħaq dan l-iskop l-artikolu in eżami jikkontempla żewġ modi ta' notifika: dik personali u dik bil-mezz postali. Huwa indikattiv, fuq l-interpretazzjoni tal-Qorti, illi l-liġi ma qegħda timponi ebda obbligu li l-mittenti għandu jikkonsegwi bil-fors xi ġerarkija preferenzjali, u dan allura liberu li jadotta dak il-mezz li jidhirlu xieraq minn fost iż-żewġ modi speċifikatament. Naturalment, fil-każ li jintgħażel il-mezz postali, id-disposizzjoni tesiġi li l-avviż ikun indirizzat u impostat sew għax inkella, il-konsegwenza*

[8] Fol. 41 tal-proċess.

*tkun li ma tiskattax il-presunzjoni tan-notifika. Magħmula din il-prova, ċirkostanzjali jew indizzjarja, hemm mill-presumptio hominis vel facti importanti għall-Qorti, il-proof of postage is proof of delivery”*[9].

Mill-provi prodotti mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) jirriżulta li huwa għażel il-mezz tan-notifika personali lir-Rikorrent u mhux bil-posta. In effetti mid-dokumenti a fol. 29 u 30 tal-proċess jirriżulta li l-istimi mertu ta’ dawn il-proċeduri , liema stimi huma datati 11 ta’ Settembru 2013, tqassmu mill-Ispettur tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud Denise Said fl-indirizz “Ir-Razzett tan-Nuża” Triq Ħal-Qormi, Attard, f’idejn Maria Conti, detentriċi tal-Karta ta’ l-Identità bin-Numru 459394(M), li tiġi, jew għall-inqas dak iż-żmien kienet it-tfajla tar-Rikorrent. In-notifika f’idejn Maria Conti saret fis-26 ta’ Settembru 2013 u l-appell odjern ġie intavolat fil-5 ta’ Novembru 2013.

Għalkemm ir-Rikorrent ġie rinfaċċjat bl-eċċezzjoni tat-tardività ta’ l-appell tiegħu u anke bil-prova li stimi li sar l-appell minnhom fil-5 ta’ Novembru 2013 tqassmu fis-26 ta’ Settembru 2013, huwa la ressaq provi biex jikkontradiċi tali eċċezzjoni, għad illi kellu l-oneru u kull interess li jagħmel dan, u lanqas ma ressaq ebda sottomissjoni fir-rigward fin-Nota ta’ Sottomissjonijiet tiegħu. Minn dan is-segwi li r-Rikorrent mhux qed jikkontesta l-fatt li Maria Conti kienet persuna awtorizzata tirċievi korrispondenza għan-nom tiegħu u li għalhekk dik in-notifika kienet valida u lanqas ma huwa qed jgħid li Maria Conti ma għaddietlux l-avviż mogħti lilha fis-26 ta’ Settembeu 2013.

Detto ciò t-Tribunal fi kwalunkwe għall-fini ta’ l-esposizzjoni tal-prinċipju regolatur meta notifika ta’ avviż lil *taxpayer* indirizzat fil-fond residenzjali tiegħu issir f’idejn persuna terza membru tal-familja jew tad-dar tat-*taxpayer*, jagħmel referenza għal dak osservat mill-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **A.B. v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud**, deċiża fit-28 ta’ Marzu 2008[10]. Fl-imsemmija sentenza l-Qorti osservat illi *f’każ bħal dan wieħed għandu dejjem jippreżumi li l-imsemmi C.D., li f’dak il-mument kien jinsab fir-residenza, kien persuna addetta li tirċievi l-korrispondenza indirizzata lil martu. Ċertament, il-legam f’dan il-każ tal-konsejatarju tan-notifika postali mar-rappreżentant hu, mhux biss sew indott mill-vot tal-Liġi proċedurali fl-artikolu 187(1), Kapitolu 12, imma wkoll wisq ovvju.*

L-Artikolu 187(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta li tagħmel referenza għalih il-Qorti ta’ l-Appell kien, fiż-żmien tan-notifika lir-Rikorrent, jipprovdi li: *in-notifika ssir bil-kunsinna ta’ kopja ta’ l-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata* ***jew billi dik il-kopja titħalla f’idejn membru tal-familja jew tad-dar***[11] *jew f’idejn wieħed fis-servizz ta’ dik il-persuna jew f’idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha, fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali tagħha: …*

Fid-dawl ta’ dan kollu osservat jirriżulta li n-notifika ta’ l-istimi datati 11 ta’ Settembru 2013 maħruġa fil-konfront ta’ Bryden Azzopardi f’idejn Maria Conti fis-26 ta’ Settembru 2013, hija notifika valida għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi u konsegwentement l-appell odjern, illi ġie ntavolat fil-5 ta’ Novembru 2013 huwa kjarament tardiv. Għall-fini ta’ din il-konklużjoni t-Tribunal josserva ulterjorment illi: *l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u f’liġijiet oħra sepċjali li jirregolaw il-kondotta tal-proċeduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta’ ordni pubbliku u ma jistgħux bl-ebda mod jiġu njorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew*

---

[9] Joseph Borg et v. Joseph A. Bartolo, deċiża mill-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fil-25 ta’ Ġunju 1980.
[10] Decisions of the Court of Appeal, Vol. 4 pg. 273.
[11] Enfasi tat-Tribunal.

*mibdula. Dawn it-termini jeħtieġ li jiġu osservati u dan taħt piena ta' irritwalità u nullità tal-proċeduri*[12].

L-eċċezzjoni tat-tardività ta' l-appell sollevata mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud), illum Kummissarju tat-Taxxi), għalhekk hija ġustifikata u jistħoqq li tiġi milqugħa. Raġġunta din il-konklużjoni t-Tribunal iqis li ma għandux, għaliex ma jistax, jieħu konjizzjoni ta' l-aggravji preliminari sollevati mir-Rikorrent u għaldaqstant jastjeni milli jieħu konjizzjoni tagħhom.

Għal dawn ir-raġunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' l-eċċezzjoni preliminari sollevata mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) u jiddikjara li l-appell tar-Rikorrent mill-istimi datati 11 ta' Settembru 2013 maħruġa fil-konfront tiegħu għall-perijodi ta' taxxa 01.03.10-31.05.10, 01.06.10-31.08.10, 01.09.10-30.11.10 u 01.12.10-28.02.11 huwa tardivu konsegwentement irritu u null. Għaldaqstant jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dan l-appell.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri huma a karigu tar-Rikorrent

A tenur tal-Partita 2(4) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta t-Tribunal jordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi komunikata lir-Rikorrent

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**

---

[12] Giuseppi Caruana v. Charles sive Charlie Psaila deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fil-21 ta' Marzu 1997 u A.B. v. Direttur tat-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-20 ta' Ottubru 2003.